# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Diċembru 2018**

**Numru 12**
**Appell Kostituzzjonali Numru 90/2016/1 MCH**

**Brian Vella**

***v.***

**L-Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha fl-14 ta' Frar 2018 li sabet ksur tad-dritt fondamentali tiegħu għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ("il-Konvenzjoni Ewropea") meta ma ngħatax il-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel ma tteħditlu stqarrija mill-pulizija iżda ma sabet l-ebda ksur tad-dritt għal smigħ xieraq taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ("il-Kostituzzjoni"). Bħala rimedju l-ewwel qorti dehrilha li dikjarazzjoni ta' ksur tkun biżżejjed fiċ-ċirkostanzi.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża huma dawn: fil-31 ta' Ottubru 2004 l-attur kien ġie arrestat mill-pulizija fuq suspett ta' involviment tiegħu f'reati assoċjati mat-traffikar tad-droga. Fl-istess ġurnata l-attur għamel stqarrija lill-pulizija fejn wieġeb għall-mistoqsijiet li sarulu u ta tweġibiet inkriminanti u dan mingħajr ma ngħata l-opportunità li jikkonsulta ma' avukat.

3. Wara li tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, l-istqarrija ntużat bħala prova kontrieh. Fl-1 ta' Lulju 2014 l-attur ukoll ammetta għall-akkużi miġjuba kontrieh iżda jgħid illi din l-ammissjoni saret għax:

> »... mal-għeluq tal-provi tal-prosekuzzjoni ... kien rinfaċċjat b'sitwazzjoni fejn effettivament ma setax jattakka l-validità tal-istqarrija tiegħu. Fil-perjodu in kwistjoni, il-qrati maltin, kemm kostituzzjonali kif ukoll dawk ordinarji, kienu addottaw posizzjoni fejn l-validità ta' stqarrija tiddependi fuq it-test tal-vulnerabbiltà fil-mument meta tingħata l-istqarrija.«

4. Fl-20 ta' Frar 2015 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabitu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrieh. Qabel ma waslet għall-konkużjoni tagħha, l-qorti qieset, fost affarijiet oħra, l-ammissjoni li kien għamel l-attur u, għall-għanijiet ta' piena, l-istess qorti qieset ukoll, *inter alia*, dak li kien ingħad mill-attur fl-istqarrija li kien ta lill-pulizija.

5. L-attur appella mill-parti ta' din is-sentenza li tolqot il-piena, u l-appell jinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

6. Billi dehrlu li d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq nkiser meta tteħditlu stqarrija mill-pulizija waqt li kien qed jiġi interrogat mingħajr ma ngħata d-dritt li jkellem avukat u din l-istqarrija wara ntużat bħala prova fil-

proċeduri kriminali kontrieh, l-attur fetaħ din il-kawża u talab lill-qorti sabiex:

»1. tiddikjara li l-istqarrija li ttieħdet mill-pulizija … fil-31 ta' Ottubru 2004, u sussegwentement esebita fil-proċeduri kriminali kontrieh, ittieħdet u ġiet esebita bi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif imħarsa fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

»2. tiddikjara li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-20 ta' Frar 2015 hija illegali u nulla *stante* l-ammissjoni tar-rikorrent kienet riżultat unikament minħabba l-istqarrija meħuda bi ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent hekk kif protett mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

»3. tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ daw l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet tal-esponent hekk kif sanċiti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem billi takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi inkluż li tordna t-tħassir tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-20 ta' Frar 2015, u li tqiegħed lir-rikorrent fil-posizzjoni tiegħu qabel ma ttieħdu l-istqarrijiet bi ksur tad-drittijiet tiegħu, u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni;

»4. tillikwida kumpens xieraq u adegwat għad-danni, inkluż dak morali, li sofra l-esponent;

»5. tordna lill-intimat iħallas lir-rikorrent il-kumpens hekk likwidat;

»Bl-ispejjeż.«

7. L-Avukat Ġenerali wieġeb hekk għar-rikors tal-attur:

»(I) Illi permezz tar-rikors odjern ir-rikorrenti qed jallega ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha [*recte*, tiegħu] *ai termini* tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni a bażi ta' lanjanzi li meta rrilaxxa l-istqarrija lil pulizija ma kellux assistenza legali peress li l-liġi dak iż-żmien ma kinitx tipprovdi għad-dritt tal-assistenza legali lill-arrestat;

»(II) Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu l-esponent jirrespinġi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jirrappreżentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti *ai termini* tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u / jew tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

»(i) illi fl-ewwel lok, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni ma jwassalx awtomatikament għal ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq kif donnu qed jippretendi r-rikorrenti. L-esponenti jirribattu li kull każ għandu jiġi eżaminat skont iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu u l-imsemmi dritt irid jiġi evalwat fir-rigward tat-totalità tal-

proċeduri kollha u mhux fir-rigward ta' mument speċifiku kif qed jipprova jagħmel ir-rikorrent odjern;

»(ii) illi effettivament fil-każ odjern bl-ebda mod ma jirriżulta li r-rikorrent kien imġiegħel jagħti l-istqarrija li ta. Fil-fatt, ir-rikorrenti ngħata t-twissija skont il-liġi senjatament li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq iżda li dak li kien ser igħid seta' jinġieb bħala prova kontrieh u għalhekk ir-rikorrent irrilaxxa l-istess stqarrija volontarjament u anke iffirma li l-kontenut tagħha kien korrett;

»(iii) illi l-esponent jirrileva li fl-ebda waqt tal-proċeduri quddiem il-qorti konċernata ma saret talba apposita *da parte* tar-rikorrent sabiex tattakka l-validità jew il-volontarjetà tal-istqarrija; liema qorti ta' ġurisdizzjoni penali għandha l-kompetenza sabiex tevalwa l-validità u l-ammissibilità tal-provi kollha kif miġjuba quddiemha *ai fini* tal-proċeduri kriminali;

»(iv) Illi wieħed mill-prinċipji li *ormai* ġie stabbilit fil-każijiet kostituzzjonali, kif bażati anke fuq l-insenjament tal-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fosthom <u>Salduz *v.* Turkey</u>, ċertament hu li ebda qorti f'ebda ħin ma stabbiliet bħala prinċipju universali li n-nuqqas ta' assistenza legali waqt interrogazzjoni awtomatikament iġġib magħha [*recte*, in-nuqqas … iġib miegħu] leżjoni tad-drittijiet tal-akkużat rikorrenti kif sanċiti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem; apparti l-fatt li ċ-ċirkostanzi odjerni huma ferm diversi mill-fattispeċje tal-każ ta' <u>Salduz</u>. *Inoltre*, in sostenn tal-posizzjoni tagħhom l-esponent jagħmel referenza għal-każijiet fl-ismijiet: Charles Steven Muscat *v.* Avukat <u>Ġenerali</u>; <u>John Attard *v.* Prim Ministru *et*</u>; <u>Ir-Repubblika ta' Malta *v.* Alfred Camilleri</u>; <u>Ir-Repubblika ta' Malta *v.* Martin Dimech</u> u <u>Il-Pulizija *v.* Norman Lowell</u>;

»(v) illi l-esponent jirribatti li l-lanjanza tar-rikorrent li matul l-investigazzjoni tal-Pulizija ma setgħetx ikollha [*recte*, ma setax ikollu] rappreżentanza legali hija ukoll insostenibbli, peress li l-ebda imputat ma kellu dan id-dritt fil-perijodu relattiv u għalhekk anke f'dan ir-rigward ma ġewx leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent *ai termini* tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, apparti l-fatt li mhux minnu li r-rikorrent ma ngħatax it-twissija skont il-liġi qabel ma rrilaxxa l-istess stqarrija;

»(vi) illi fir-rigward tat-talba sabiex din l-onorabbli qorti takkorda rimedji effettivi, inkluż it-tħassir tas-sentenza kriminali fil-konfront tar-rikorrent, *dato ma non concesso* li din l-onorabbli qorti jidhrilha li fiċ-ċirkostanzi odjerni kien hemm ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti, ħaġa li l-esponent qed jikkontesta, l-esponent jirrileva li fiċ-ċirkostanzi odjerni dikjarazzjoni ta' ksur għandha tkun sufficjenti. *Inoltre*, l-esponent jirrileva li l-funzjoni ta' din l-onorabbli qorti fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha tirrigwarda l-kompatibilità taċ-ċirkostanzi li fihom saret l-istqarrija u kif tmexxa l-proċess ġudizzjarju mal-Konvenzjoni Ewropeja u mal-Kostituzzjoni ta' Malta, mentri fl-umli fehma tal-esponent il-kwistjoni tar-rimedju għandha tkun konsidrata mill-qorti ta' ġurisdizzjoni penali li għandha l-ġurisdizzjoni sabiex tevalwa l-validità u l-ammissibilità tal-provi kollha kif miġjuba quddiemha ai fini tal-proċeduri kriminali;«

8. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»Għal dawn il-motivi, il-qorti tiddeċiedi billi, in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deċiż, issib ksur biss tal-art. 6(1) moqri flimkien mal-art. 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni fis-sens illi l-ksur seħħ għax ir-rikorrenti ma kellux il-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel ma tteħditlu stqarrija mill-pulizija u dina d-dikjarazzjoni hija rimedju suffiċjenti għall-ilment tar-rikorrent; tiċħad it-talbiet l-oħra kollha.«

9. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Konsiderazzjonijiet ta' dritt

»Ir-rikorrent qed jallega ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta fil-konfront tiegħu dwar nuqqas ta' assistenza legali.

»Il-ġurisprudenza tal-qrati tagħna dwar is-suġġett għall-assistenza legali turi illi l-Qorti Kostituzzjonali rreġistrat żvilupp fil-mod kif ġie interpretat dak deċiż mill-Qorti Ewropea fil-każ ta' <u>Salduz *v.* Turke</u>**y** li fuqu qed jistrieħ ir-rikorrent.

»Filwaqt illi kien hemm żmien fejn il-Qorti Kostituzzjonali kienet tinterpreta l-linja li ħadet il-Qorti Ewropea dwar is-suġġett billi ssib ksur tad-dritt għal smigħ xieraq għar-raġuni biss li persuna tkun ġiet imċaħħda mid-dritt għall-assistenza legali, l-Qorti Kostituzzjonali kienet żviluppat l-interpretazzjoni tagħha billi kienet issib li seħħet leżjoni biss f'każ li r-rikorrent jiġi meqjus mill-qorti bħala persuna vulnerabbli fiż-żmien illi huwa jkun ġie interrogat mill-Pulizija mingħajr ma seta' jirrikorri għall-assistenza legali (<u>Pulizija *v.* Charles Steven Muscat</u>)

»In segwitu ġiet deċiża s-sentenza ta' <u>Mario Borg *v,* Malta</u> (ECtHR applikazzjoni nru: 37537/13, 12/01/2016) u l-Qorti Kostituzzjonali aċċettat l-insenjament tal-qorti ta' Strasburgu fil-ġurisprudenza tagħha u llum il-ġurnata huwa stabbilit illi huwa biżżejjed li l-liġi ma kinitx tippermetti li l-akkużat jew is-suspettat ikollu assistenza legali meta jkun qiegħed jiġi interrogat mill-pulizija jew qabel jirrilaxxa l-istqarrija tiegħu sabiex jinsab illi seħħet leżjoni. Għalhekk kull stqarrija li ssir mingħajr assistenza legali – salv f'każijiet verament eċċezzjonali – hi lesiva tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni. Din l-linja legali ġiet segwita fil-każijiet <u>Malcolm Said *v.* Avukat Ġenerali</u> (24/06/2016), u <u>Trevor Bonniċi *v.* Avukat Ġenerali</u> (18/07/2017) u <u>Raymond Bonniċi *v.* Avukat Ġenerali</u> (27/10/2017).

»Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

»Illi f'dan il-każ ir-rikorrent qed jitlob li dina l-qorti tiddikjara li l-istqarrija li ttieħdet mill-pulizija fil-31 ta' Ottubru 2004 ittieħdet u ġiet eżebita fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif imħarsa fl-artikoli fuq imsemmija.

»Illi jirriżulta bħala fatt l-istqarrija ttieħdet mill-pulizija fil-31 ta' Ottubru 2004 meta fil-liġi kriminali tagħna ma kienx għad hemm id-dritt tal-assistenza legali qabel jew waqt l-interrogatorju. Jirriżulta li r-rikorrent kien ngħata s-solita *caution* skond id-drittijiet li kienu viġenti dak iż-żmien u anke ntalab jekk kellux bżonn tabib qabel jirrilaxxja l-istqarrija imma huwa kien wieġeb li ma kellux bżonn.

»… … …

»Fil-każ in eżami fil-mument li r-rikorrent ġie interrogat u rrilaxxja l-istqarrija mill-uffiċjal konċernet kienet tipprevali fil-liġi Maltija "*a systematic restriction of access to a lawyer pursuant to the relevant legal provisions*" (Boz *v.* Turkey, 09/02/2010, u Dayanan *v.* Turkey, 13/10/2009).

»Għalhekk formalment għandha tirriżulta leżjoni taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi fil-liġi Maltija dak iż-żmien ma kienx hemm id-dritt tal-assistenza legali.

»Kwantu għal allegat ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-ksur tad-drittijiet tar-rikorrent iseħħ mhux bil-fatt li tkun ittieħdet l-istqarrija meta huwa kien għadu mhux "akkużat" iżda bil-fatt li jsir użu minn dik l-istqarrija waqt il-proċess kriminali, meta allura l-attur ikun "akkużat". Illi f'dana l-każ però, kif ser naraw, ma sarx użu mill-istqarrija billi r-rikorrent ammetta l-akkużi għalhekk ma hemm ebda ksur tal-artikolu 39.

»Illi l-intimat jissottometti li anke jekk kellha tirriżulta leżjoni, il-fatt waħdu li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni ma jwassalx awtomatikament għal ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq (id-dritt li proprjament hu protett mill-Konvenzjoni). Kull każ għandu jiġi eżaminat skont iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu u l-imsemmi dritt irid jiġi evalwat fir-rigward tat-totalità tal-proċeduri kollha (f'dan il-każ ir-rikorrent għandu appell kriminali pendenti u jista' anke jiġi liberat) u mhux fir-rigward ta' mument speċifiku kif qed jipprova jagħmel ir-rikorrent odjern.

»Fil-każ in eżami jirriżultaw is-segwenti fatti rilevanti:

»Ir-rikorrent kien irrilaxxja l-istqarrija tiegħu fil-31 ta' Ottubru 2004.

»Fil-1 ta' Lulju 2014 kien ammetta l-akkużi dedotti kontra tiegħu u fil-20 ta' Frar 2015 ingħatat s-sentenza.

»Fil-proċeduri kirminali r-rikorrent kien dejjem assistit minn avukat, kemm dak ta' fiduċja kif ukoll dak tal-għajnuna legali u ma oġġezzjonax għal preżentata tal-istqarrija fl-atti tal-kawża.

»Ir-rikorrent ammetta inkondizzjonatament l-akkużi dedotti kontra tiegħu.

»Ir-rikorrent appella mis-sentenza quddiem il-Qorti Kriminali fejn talab biss ir-riforma tas-sentenza fis-sens li tikkonferma d-dikjarazzjoni tal-ħtija u tvarja l-piena għal waħda aktar ekwa u ġusta.

»Fil-18 ta' Mejju 2016 ir-rikorrent talab li jippreżenta r-rikors kostituzzjonali (u mhux talab referenza) li ġie ppreżentat fil-4 ta' Ottubru 2016.

»L-appell kriminali għadu pendenti jistenna l-eżitu ta' dawn il-proċeduri.

»Illi fil-fehma tal-qorti l-leżjoni li l-qorti qed issib illum ma tibqax rilevanti *stante* li r-rikorrent ammetta l-akkużi dedotti kontra tiegħu u huwa ġie misjub ħati mhux fuq l-istqarrija imma fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu.

»L-istqarrija tar-rikorrent għalhekk kienet għal kollox superfluwa għas-sejbien tal-ħtija tiegħu, għax huwa nstab ħati wara li quddiem il-qorti,

fil-preżenza tal-avukat tiegħu u wara li kellu okkażjoni ampja biex jieħu parir u jaħsibha sew, huwa ammetta l-akkużi. Li kieku r-rikorrent ħass ġenwinament li kien preġudikat bl-istqarrija li kien ta lill-pulizija ma kienx sejjer, wara li ħa l-parir tal-avukat, u wara li ġie mwissi formalment mill-qorti, ma jressaq ebda lment dwarha anzi jammetti l-ħtija. Dan il-preġudizzju r-rikorrent la ressqu quddiem l-ewwel qorti u lanqas quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali liema proċeduri għadhom pendenti. Li kieku r-rikorrent verament ħass li ġarrab xi inġustizzja minħabba dik l-istqarrija ma kienx se jibqa' sieket għal dan iż-żmien kollu, tnax-il sena. Jidher li hu fetaħ dina l-kawża, mhux għax ħass li tassew ġarrab xi preġudizzju inġust iżda għax issa wara dan iż-żmien kollu ħaseb illi jista', b'abbuż tal-proċess ġudizzjarju, jiddobba xi vantaġġ.

»L-ammissjoni tar-rikorrent ġiet reġistrata mill-maġistrat u kienet b'riferenza għal din l-ammissjoni, u mhux għall-istqarrija tiegħu, li l-qorti kkundannatu. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tniżżel hekk:

> »"Il-qorti
>
> »"rat ukoll illi fl-istess seduta tal-1 ta' Lulju 2014, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-qorti, a tenur tal-artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa' jikkonsidra t-tweġiba u jerġa' lura minnha."

»Il-Qorti tal-Maġistrati kienet ħadet din l-ammissjoni in konsiderazzjoni meta ġiet biex tikkalibra l-piena. Fil-fatt kien biss meta l-qorti ġiet biex tikkalkola l-piena li hija għamlet referenza żgħira għall-istqarrija (paragrafu wieħed) u dana mhux *ai fini* tal-ħtija imma biex tgħid li r-rikorrent kien ikkopera mal-pulizija u għalhekk kienet ser tieħu dak il-fattur biex timmitiga l-piena. Fil-fatt il-qorti ssemmi fis-sentenza tagħha li "l-partijiet issuġġerew illi l-imputat għandu jingħata piena fil-minimu."

»Għalhekk fil-każ odjern ma jistax jingħad li l-istqarrija kellha xi impatt fuq id-deċiżjoni tal-qorti in kwantu għal ħtija. Il-qorti ma daħlitx fil-mertu imma ddeċidiet biss abbażi tal-ammissjoni *in faciem curiæ*.

»Illi l-ammissjoni saret mir-rikorrent meta huwa kien assistit minn avukat u ħa parir mingħandu. L-ammissjoni saret mir-rikorrent u mhux mill-avukat. Ir-rikorrent ma semma xejn la mal-avuakt u lanqas mal-maġistrat illi huwa kien ġiet preġudikat mill-istqarrija li huwa ta mingħajr assistenza legali. Ma jissemma xejn. Minn dak inhar li tressaq b'arrest il-qorti r-rikorrent kien dejjem mgħejjun minn avukat tal-għażla tiegħu u wara anke b'wieħed tal-għajnuna legali, u dawn qatt ma semmew xejn dwar stqarrija.

»Ir-rikorrent stess xehed li huwa ammetta għax ried jiffranka mill-piena u ried jmur lura għax-xogħol u ma jsemmi xejn dwar l-istqarrija li ttieħdet meta huwa ma kienx assistit minn avukat. Hu ma kienx ġdid għal-qorti (ara fedina penali *a fol*. 35-40). Anke fir-rikors tal-appell minn dik is-sentenza r-rikorrent lanqas ma jilmenta fuq xi preġudizzju li sofra minħabba dina l-istqarrija tant li fl-appell huwa talab biss għar-riforma tas-sentenza billi tiġi konfermata d-dikjarazzjoni tal-ħtija u tvarja l-piena għal waħda aktar ġusta. Ma jissemma imkien l-ilment li l-istqarrija ttieħdet mingħajr ma huwa kien assistit legalment jew li l-istqarrija ma saritx volontarjament.

»Jiġi rilevat ukoll li kien biss wara 12-il sena li r-rikorrent qajjem dina l-kwistjoni. Din il-kwistjoni tqajmet sitt snin wara d-deċiżjoni tal-każ Salduz (deċiż fil-27/11/2008). Meta r-rikorrent ammetta quddiem il-Qorti tal-Mġiastrati fil-1 ta' Lulju 2014 kienet diġà ngħatat din is-sentenza mill-qorti ta' Strasbourg, u l-implikazzjonijiet tagħha kienu diġà magħrufa fl-ambjent ġudizzjarju f'Malta (ara sentenzi Lombardi, Pullicino u Muscat, 2011-2012) u għalhekk ma setgħux ma kinux magħrufa wkoll mill-avukat difensur tiegħu dak iż-żmien li kien qed jitmexxa il-każ kontra r-rikorrent u meta ammetta.

»Kwantu għar-referenza li saret għas-sentenza Bartolo *v.* Avukat Ġenerali deċiża fit-23 ta' Novembru 2017, dina l-kawża ġiet appellata u għadha pendent quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. *Inoltre* l-fatti f'dak il-każ mhumiex l-istess bħal dan il-każ. Fil-każ ta' Bartolo dan kien qed ibati minn kondizzjoni medika serja u terminali meta ttieħdet l-istqarrija. F'dan il-każ ir-rikorrent kien f'qagħda ta' saħħa tajba, u kien imgħaġġel biex jeħles mill-aktar fis possibbli biex imur jieħu d-droga.

»Rimedju

»Illi f'dan il-każ il-qorti qed issib biss li kien hemm leżjoni formali tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għar-raġuni li fiż-żmien in kwistjoni l-liġi ma kinitx tipprovdi in ġenerali għall-assistenza legali. Fl-istess waqt il-qorti qed tiddeċiedi wkoll li dan in-nuqqas ma ppreġudikax lir-rikorrent inġustament għax huwa kien ammetta l-akkużi dedotti kontra tiegħu meta kien assistit minn avukat u wara li ġie mwissi mill-qorti u nstab ħati fuq din l-ammissjoni u mhux minħabba xi irregolarità fil-proċeduri.

»In materja ta' rimedji minħabba dina l-leżjoni ssir referenza għas-sentenza ta' din il-qorti fl-ismijiet Victor Gatt *et v.* Avukat Ġenerali *et*, deċiża fil-5 ta' Lulju 2011, fejn ingħad:

> »"Dwar *just satisfaction*, ir-regola hija li meta l-qorti ssib li hemm vjolazzjoni, sa fejn hu possibbli, l-istat għandu jipprovdi għal *restitutio in integrum*. Meta dan ma jkunx possibbli jew inkella jkun biss parzjalment possibbli l-qorti għandha tagħti *just satisfaction*. Id-deċiżjoni li d-dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni waħedha tkun biż-żejjed hija l-eċċezzjoni u għandha tkun riservata għal każijiet fejn hemm rimedju jew konsegwenzi huma żgħar. Fil-każijiet l-oħra fejn il-leżjoni hija aktar serja l-qorti għandha tagħti kumpens pekunjarju għal dik il-vjolazzjoni (ara ukoll J. Camilleri *v.* Avukat Ġenerali, Kost 28/09/2012).

»*In vista* tal-fatt li f'dan il-każ kien hemm ammissjoni inkondizzjonata tar-rikorrent / akkużat u ebda kontestazzjoni preċedenti għall-każ in eżami, u li l-leżjoni taħt l-artikolu 6 hija biss waħda formali u ta' ebda konsegwenza ta' ħsara fuq il-proċess kriminali, d-dikarazzjoni tal-istess leżjoni hi rimedju suffiċjenti.

»Għal kompletezza l-qorti tiddikjara li l-istqarrija għandha tibqa' fl-atti tal-proċeduri kriminali *stante* li l-ħtija nstabet minħabba l-ammissjoni u mhux għax il-qorti bbażat il-ġudizzju tagħha fuq dik l-istqarrija.«

10. L-attur appella minn din is-sentenza b'rikors tal-5 ta' Marzu 2018 li għalih l-Avukat Ġenerali wieġeb fis-16 ta' Marzu 2018.

11. Fil-qosor dak li jargumenta l-attur fl-aggravji tiegħu huwa li l-ewwel qorti waslet għal konklużjoni żbaljata meta ma sabet l-ebda ksur tad-dritt fondamentali tiegħu għal smigħ xieraq imħares taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Iżid jgħid ukoll li l-ewwel qorti ma jmisshiex sabet li l-leżjoni li ġarrab bi ksur tal-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kienet waħda merament formali u li ma kellha l-ebda effett fuq il-proċess ġudizzjarju. Igħid illi l-leżjoni kienet waħda ferm sostanzjali u kellha effett kbir fuq il-proċess ġudizzjarju u konsegwentement dikjarazzjoni ta' ksur żgur li ma tistax titqies bħala rimedju effettiv fiċ-ċirkostanzi.

12. L-attur ifisser l-ewwel aggravju tiegħu kif ġej:

> »Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa li fil-kunsiderazzjonijiet tagħha l-ewwel onorabbli qorti, filwaqt li ddikjarat li kien hemm leżjoni formali tal-artikolu 6, ma apprezzatx iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li kjarament juru li tali leżjoni kienet ferm sostanzjali u mhux merament formali. Ir-rilevanza ta' dan l-aggravju – li kellu jsir apprezzament aktar approfondit – huwa kruċjali għat-tielet aggravju tal-appellant billi l-gravità tal-leżjoni direttament tinfluwixxi dak li fl-umli opinjoni tal-appellant kellu jingħata bħala rimedju (mertu tat-tielet aggravju).
>
> »Illi l-ewwel onorabbli qorti, wara li kkunsidrat il-każ ta' Borg *v.* Malta, sabet li kien hemm leżjoni formali tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi, fiż-żmien li l-appellant ta l-istqarrija tiegħu lill-pulizija, il-liġi Maltija ma kenitx tikkontempla d-dritt tal-assistenza legali. Madankollu l-ewwel onorabbli qorti kompliet billi stqarret:
>
>> »"Illi fil-fehma tal-qorti l-leżjoni li l-qorti qed issib illum ma tibqax rilevanti *stante* li r-rikorrent ammetta l-akkużi dedotti kontra tiegħu u huwa ġie misjub ħati mhux fuq l-istqarrija imma fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu.
>>
>> »"L-istqarrija tar-rikorrent għalhekk kienet għal kollox superfluwa għas-sejbien tal-ħtija tiegħu, għax huwa nstab ħati wara li quddiem il-qorti, fil-preżenza tal-avukat tiegħu u wara li kellu okkażjoni ampja biex jieħu parir u jaħsibha sew, huwa ammetta l-akkużi. Li kieku r-rikorrent ħass ġenwinament li kien preġudikat bl-istqarrija li kien ta lill-pulizija ma kienx sejjer, wara li ħa l-parir tal-avukat, u wara li ġie mwissi formalment mill-qorti, ma jressaq ebda lment dwarha anzi jammetti l-ħtija. Dan il-preġudizzju r-rikorrent la ressqu quddiem l-ewwel qorti u lanqas quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali liema proċeduri għadhom pendenti. Li kieku r-rikorrent verament ħass li ġarrab xi inġustizzja minħabba dik l-istqarrija ma kienx se jibqa' sieket għal dan iż-żmien kollu, tnax-il sena. Jidher li hu fetaħ dina l-kawża, mhux għax ħass li tassew ġarrab xi preġudizzju inġust iżda għax issa wara dan iż-

> żmien kollu ħaseb illi jista', b'abbuż tal-proċess ġudizzjarju, jiddobba xi vantaġġ.
>
> »"L-ammissjoni tar-rikorrent ġiet reġistrata mill-maġistrat u kienet b'riferenza għal din l-ammissjoni, u mhux għall-istqarrija tiegħu, li l-Qorti kkundannatu."

»Illi bid-dovut rispett, meta wieħed jaqra il-paragrafi hawn fuq ċitati, kif ukoll kunsiderazzjonijiet oħra tal-ewwel onorabbli qorti, huwa manifestament ċar li l-istess qorti kompletament skartat mis-sottomissjonijiet li għamel l-appellant dwar l-effetti tal-istqarrija li hu ta lill-pulizija.

»Illi l-każ ta' Borg *v.* Malta kjarament jgħid li: *"The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used*". L-appellant jisħaq, hekk kif saħaq quddiem l-ewwel onorabbli qorti, li dan huwa każ li kjarament juri li d-difiża tiegħu kienet *"irretrievably prejudiced"* meta ttieħdet l-istqarrija tiegħu mingħajr assistenza legali u sussegwentement intużat fil-proċeduri kriminali kontrih.

»Illi l-ammissjoni tal-appellant quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kienet waħda kostretta miċ-ċirkostanzi li ġew b'riżultat dirett tal-istqarrija li ttieħdet minnu. Bid-dovut rispett, l-ewwel onorabbli qorti hi kompletament skorretta meta tgħid li ma sarx użu mill-istqarrija billi l-appellant ammetta l-akkużi kontrieh (mertu tat-tieni aggravju). L-istqarrija kienet intużat meta ġiet preżentata fil-proċess u li kieku ma kenitx preżentata ma kinux jissustixxu ċ-ċirkostanzi li wasslu lill-appellant sabiex jammetti.

»Illi l-appellant spjega fl-*affidavit* tiegħu ċ-ċirkostanzi kollha li wasslu sabiex jammetti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati nhar l-20 ta' Lulju 2014. L-appellant spjega kif f'dik is-seduta talab lill-avukat biex jiggwidah. L-avukat mqabbad lill-appellant korrettament għaraf li minħabba l-ġurisprudenza applikata qabel ma ngħatat is-sentenza ta' Borg *v.* Malta, effettivament l-appellant ma setax jattakka l-validità tal-istqarrija tiegħu billi t-test tal-vulnerabbilità kreat minn sensiela ta' sentenzi qabel *Borg v. Malta* (i.e. is-sentenzi ta' Lombardi, Pullicino u Muscat fost oħrajn) kien diffiċli ħafna biex jiġi sodisfatt. Fl-*affidavit* tiegħu l-appellant jgħid li kien mgħarraf li, b'ammissjoni quddiem il-qorti, seta' jġib piena qrib il-minimu. Għall-bidu l-appellant ma għoġbitux din l-idea għax ma ħassx li kellu jammetti l-akkużi dedotti kontrieh. Madankollu, għaraf li kien f'posizzjoni impossibbli minħabba l-istqarrija tiegħu u li effettivament kellu jagħżel: li jkompli jipprotesta l-innoċenza tiegħu meta hemm stqarrija tgħid bil-kontra u jingħata l-piena li finalment tiddeċiedi l-qorti, jew jammetti u jieħu piena qrib il-minimu permissibbli. Apparti minn hekk, minħabba problemi personali u *cioè* li f'dak iż-żmien in-negozju ta' familtu kien għaddej minn żmien diffiċli, l-appellant ħass li b'piena qrib il-minimu kien fl-interess ta' familtu.

»Illi dawn iċ-ċirkostanzi kollha huma rilevanti għaliex juru li l-ammissjoni li għamel l-appellant quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ma kenitx waħda ġenwina. L-appellant ma riedx jammetti iżda minħabba diversi raġunijiet: l-istqarrija prinċiparjament u l-prospetti ineżistenti li jegħlibha, iżda anke l-possibilità ta' piena qrib il-minimu u ċ-ċirkostanzi familjari partikolari.

»Illi huwa minħabba dan kollu li l-esponenti ma jistax jaqbel mad-dikjarazzjoni tal-ewwel onorabbli qorti fejn stqarret: "il-leżjoni li l-qorti qed issib illum ma tibqax rilevanti *stante* li r-rikorrent ammetta l-akkużi dedotti kontra tiegħu u huwa ġie misjub ħati mhux fuq l-istqarrija imma fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu". L-ammissjoni tal-esponenti ma saritx *in vacuo* iżda minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari hawn fuq elenkati. Il-posizzjoni li ħadet l-ewwel onorabbli qorti jikkuntrasta bil-kbir ma' dik il-posizzjoni li ħadet l-istess qorti, diversament presjeduta, fil-każ ta' Christopher Bartolo *v.* Avukat Ġenerali *et,* fejn f'ċirkostanzi simili ġie dikjarat:

> »"Meta r-rikorrent ammetta l-akkużi miġjuba kontrieh quddiem il-qorti, hu kien rinfaċċjat b'sitwazzjoni fejn in atti kien diġà hemm il-konfessjoni li huwa ta lil pulizija fil-istqarrijiet impunjati f'dawn il-proċeduri. Għalhekk f'dak il-mument ir-rikorrent kellu żewġ opzjonijiet:
>
> »"1. jiddikjara li mhux ħati, fi proċess fejn bħala prova kontra tiegħu kienet ser tintuża konfessjoni li huwa kien ta lil pulizija, u fi proċess li, skont il-liġi, fil-każ ta' sejbien ta' ħtija seta' jwassal għal imposizzjoni ta' piena karċerja severa;
>
> »"2. jew, *in vista* tal-istqarrijiet li huwa ta lill-pulizija, jammetti l-akkuża miġjuba kontra tiegħu, biex b'hekk ikun f'posizzjoni li jippatteġġja dwar il-piena, u forsi jeħel piena anqas severa.
>
> »"Meta wieħed iqis x'kienet l-għażla li kellu quddiemu r-rikorrent, f'mument fejn kien kompletament vulnerabbli għall-poter tal-istat waqt li kien qed jissielet ma' kondizzjoni medika severa u terminali, huwa faċli jifhem il-għaliex għażel li jammetti l-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Il-qorti żgur ma tistax tqis illi dan it-tip ta' *Hobson's choice* jista' jissarraf f'għażla libera għar-rikorrent sabiex jammetti l-akkużi kontra tiegħu. Hu proprju għal din ir-raġuni li, skont il-ġurisprudenza tal-qorti ta' Strasbourg, in-nuqqas ta' assistenza legali fl-istadju tal-*pre-trial* iwassal sabiex id-dritt tal-akkużat għal smigħ xieraq ikun *irretrievably prejudiced*. Ikkonsidrat illi l-konfessjoni li ta lill-pulizija neċessarjament għandha rwol ċentrali fl-għażla tiegħu li jammetti, minħabba r-riperkussjonijiet reali u severi li seta' jkollha din il-konfessjoni, il-qorti tqis li l-ammissjoni tiegħu quddiem il-Qorti Kriminali u l-istqarrijiet li huwa rrilaxxa lil pulizija huma intrinsikament konnessi".

»Illi l-appellant jagħraf li s-sentenza ta' Christopher Bartolo preżentement tinsab appellata iżda s-sitwazzjoni fil-każijiet ta' Bartolo u tal-appellant, *ossia* fejn saret ammissjoni anke quddiem qorti, huma rari ħafna u riferenza għal-istess sentenza hi meħtieġa. Għalkemm huwa minnu li l-fatti tal-kawżi mhumiex identiċi għall-aħħar, l-appellant hu tal-fehma li l-punt kardinali mhuwiex l-istat ta' saħħa fil-mument meta ttieħdu l-istqarriji rispettivi iżda l-fatt li b'tali stqarriji kien hemm ammissjoni kostretta quddiem il-qrati b'kompetenza kriminali.

»Illi għal kull buon fini, l-appellant huwa aggravat ukoll b'dak mistqarr mill-Ewwel Onorabbli Qorti fejn saħqet li "F'dan il-każ ir-rikorrent kien f'qagħda ta' saħħa tajba, u kien imgħaġġel biex jeħles mill-aktar fis possibbli biex imur jieħu d-droga". Bid-dovut rispett, l-ewwel onorabbli qorti assolutament skartat u injorat il-fatt li persuna b'dipendenza għad-droga qatt ma tista' tissejjaħ persuna "f'qagħda ta' saħħa tajba". Filwaqt li fil-każ ta' Bartolo l-mertu tal-qagħda tiegħu tikkonċerna l-proċess wara *dialysis* u bil-kumplikazzjonijiet kollha assoċjati mal-mard

in kwistjoni, ikun nuqqas li wieħed jiskarta jew li jinjora l-effetti ta' *withdrawal* li kien qed ibati minnhom l-appellant waqt li ttieħdet l-istqarrija tiegħu.

»Illi bid-dovut rispett, l-appellant ma jistax ma jinnutax li ħafna mill-kunsiderazzjonijiet tal-ewwel onorabbli qorti huma bbażati fuq jew ispirati mill-ġurisprudenza *in vigore* qabel is-sentenza ta' Borg *v.* Malta u dan bħal ma huma s-skiet tiegħu fil-proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, l-vulnerabbilità *o meno* tiegħu meta ttieħdet l-istqarrija (mertu tal-paragrafu preċedenti) u l-fedina penali tiegħu u l-esperjenza preċedenti tiegħu fil-qorti. Il-kunsiderazzjoni li kjarament tikxef din il-posizzjoni hi li l-appellant "ħaseb illi jista', b'abbuż tal-proċess ġudizzjarju, jiddobba xi vantaġġ". L-appellant mhux biss jiċħad dan iżda t-tielet aggravju f'dan l-appell – ir-rimedju – huwa intiż preċiżament biex juri li dan mhuwiex il-każ.

»Illi l-ewwel onorabbli qorti osservat ukoll li: "Meta r-rikorrent ammetta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-1 ta' Lulju 2014 kienet diġà ngħatat din is-sentenza mill-qorti ta' Strasbourg, u l-implikazzjonijiet tagħha kienu diġà magħrufa fl-ambjent ġudizzjarju f'Malta (ara sentenzi Lombardi, Pullicino u Muscat, 2011-2012) u għalhekk ma setgħux ma kinux magħrufa wkoll mill-avukat difensur tiegħu dak iż-żmien li kien qed jitmexxa il-każ kontra r-rikorrent u meta ammetta". Bid-dovut rispett, l-implikazzjonijiet fl-1 ta' Lulju 2014, l-implikazzjonijiet ta' dawn is-sentenzi u diversi oħra kienu ċari ħafna u *cioè* li jekk ma setax juri li kien hemm ċirkostanzi eċċezzjonali ta' vulnerabbiltà fil-mument li ttieħdet l-istqarrija – liema posizzjoni ġiet assolutament skartata mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'Borg v. Malta – dik l-istess stqarrija ma kienx hemm prospetti ta' suċċess biex tiġi dikjarata leżiva tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq.

»Illi jingħad dan kollu għaliex il-leżjoni li sabet l-ewwel onorabbli qorti ma tistax titqies bħala merament formali jew li ma kellha ebda effett fuq il-proċess ġudizzjarju li għadda u għadu għaddej minnu l-appellant. Il-leżjoni kienet waħda sostantiva u li konsegwentement għandu jkun hemm rimedju adegwat u mhux wieħed dikjaratorju u dan kif ser jiġi trattat aktar 'l quddiem.«

13. It-tieni aggravju tiegħu ġie mfisser hekk:

»Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa intrinsikament marbut mal-ewwel aggravju u għaldaqstant l-appellant jirreferi għas-sotto-missjonijiet ġà magħmula.

»Illi l-ewwel onorabbli qorti ddikjarat li ma kienx hemm ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u dan għaliex "ma sarx użu mill-istqarrija billi r-rikorrent ammetta l-akkużi għalhekk ma hemm ebda ksur tal-artikolu 39".

»Illi dan il-punt diġà ġie trattat fit-tul fl-aggravju preċedenti. Fis-sustanza, ma jistax jingħad li ma kienx hemm użu mill-istqarrija għaliex fi kliem l-ewwel qorti fil-każ ta' Christopher Bartolo, l-ammissjoni tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-istqarrija li huwa rrilaxxa lill-pulizija huma intrinsikament konnessi.

»Illi li kieku l-istqarrija tiegħu ma ġietx eżebita mill-pulizija fil-proċeduri kriminali, *ossia* ma ntużatx fil-konfront tiegħu, l-appellant ma kienx jitpoġġa fil-posizzjoni spjegata fl-aggravju preċedenti.«

14. It-tielet aggravju tal-attur imbagħad ġie mfisser hekk:

»L-aggravju tal-appellant huwa li l-appellant ngħata rimedju mhux effettiv mill-ewwel onorabbli qorti.

»Illi r-rimedju mogħti huwa dikjarazzjoni li kien hemm ksur tal-artikolu 6(1) u l-artikolu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni fis-sens li l-appellant ma kellux il-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel ma tteħditlu stqarrija mill-pulizija.

»Illi l-appellant diġà spjega fl-ewwel u fit-tieni aggravji tiegħu għaliex huwa tal-fehma li l-leżjoni li sofra ma tistax tissejjaħ waħda merament formali jew ta' ebda konsegwenza ta' ħsara fuq il-proċess kriminali iżda hija waħda sostantiva. Għalhekk billi l-konsegwenzi li diġà sofra l-appellant – sejbien ta' ħtija, piena ta' priġunerija effettiva u multa – huma sostanzjali, ir-rimedju adegwat għandu jkun ir-*restitutio in integrum* kif propost fil-kawża ta' Victor Gatt *et v.* Avukat Ġenerali *et*, kwotata mill-ewwel onorabbli qorti stess.

»Illi kuntrarjament għall-fehma espressa mill-ewwel onorabbli qorti, l-appellant mhuwiex jipprova "b'abbuż tal-proċess ġudizzjarju, jiddobba xi vantaġġ". Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-appellant ppropona bħala rimedju li jitwaqqaf l-appell tal-appellant quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u r-reġistratur tal-Qrati Kriminali jiġi ordnat jibda l-proċediment penali mill-ġdid. Dan ir-rimedju hu konformi ma' dak dikjarat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ta' Panovits *v.* Cyprus:

»… … …

»Illi dan ir-rimedu mhuwiex mingħajr preċedent fis-sistema Maltija. Fil-każ ta' Trevor Bonnici *v.* L-Avukat Ġenerali, kemm f'prim'istanza kif ukoll quddiem din l-onorabbli qorti, is-sentenzi li permezz taħghom Bonnici nstab ħati u ġie mibgħut ħabs ġew imħassra u ġie ordnat li jibda proċess penali mill-ġdid. *Di più*, riferenza ssir għas-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fil-każ ta' Dominic Camilleri *v.* Avukat Ġenerali fejn, bħala rimedju, din l-onorabbli qorti ħassret is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ipprojbiet l-użu tal-istqarriji mogħtija minn Dominic Camilleri minn kull proċediment kriminali kontrieh, waqqfet il-prosegwiment tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u, finalment, ordnat lir-reġistratur tal-Qrati Kriminali biex jassenja l-kawża lil ġudikant ieħor fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex il-proċediment penali jibda mill-ġdid.

»Illi l-esponenti jemmen li dan għandu jkun ir-rimedju applikabbli għall-każ tiegħu billi huwa effettivament *restitutio in integrum* kif kontemplat fil-każ ta' Victor Gatt u fil-prinċipju enunċjat fil-każ ta' Panovits.

»Illi għalhekk, *in vista* taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u tal-ġurisprudenza hawn fuq ċitata li l-appellant umilment jissottometti li dikjarazzjoni li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu mhiex rimedju adegwata.«

15. L-Avukat Ġenerali wieġeb hekk għall-aggravji tal-attur:

»Illi l-esponent appellat jissottometti li l-aggravji tal-appellant Brian Vella huma kollha insostenibbli fil-fatt u fid-dritt *stante* li għandu jirriżulta lil din l-onorabbli Qorti Kostituzzjonali li mhux minnu li l-ewwel onorabbli qorti ma apprezzatx iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ b'mod approfondit u / jew li ċ-ċirkostanzi odjerni jirrapreżentaw ksur tad-drittijiet fundamentali tal-appellant *ai termini* tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u / jew li ma ġiex deċiż rimedju adegwat, iżda għandu jirriżulta li l-ewwel onorabbli qorti kienet korretta u ġustifikata fil-konklużjonijiet tagħha u dan għar-raġunijiet segwenti:

»… … …

»Illi l-esponent appellat jirribatti li l-lanjanzi tal-appellant Vella huma insostenibbli stante li mhux minnu li d-difiża tar-rikorrent ġiet b'xi mod ippreġudikata minħabba li ma kellux assistenza legali meta irrilaxxa l-istqarrija. Effettivament, mill-provi prodotti in atti, senjatament mix-xiehda tal-Assistent Kummissarju Denis Theuma, jirriżulta li meta irrilaxxa l-istqarrija r-rikorrent appellant ingħata t-twissija skont il-liġi fis-sens li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq, iżda li dak li kien se jgħid seta' jinġieb bi prova kontrieh; apparti l-fatt li jirriżulta ukoll li l-istess Assistent Kummissarju (dak iż-żmien Spettur) xehed li, wara li ħadlu l-istqarrija, l-istess stqarrija inqrat lilu u ġie infurmat ukoll li, jekk xtaq, seta' ibiddel jew iżid xi ħaġa, u fil-fatt ma ried ibiddel jew iżid xejn. Jirriżulta li r-rikorrent kien ikkopera fl-istqarrija u ammetta wara li nqabad *in flagrante* mill-pulizija eżekuttiva fil-vettura tiegħu b'ammont ta' droga eroina u kokaina u b'affarijiet relatati mar-reati tad-droga f'Ħaż-Żabbar. Ħareġ ukoll mix-xiehda li l-atmostfera kienet trankwilla u normali. Għalhekk, huwa ċar li l-istess stqarrija bl-ebda mod ma tista tkun leżiva tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent *ai termini* tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea *stante* li saret b'mod liberu u volontarju; apparti li jirriżulta mill-atti li l-appellant kien ammetta għall-akkużi anke quddiem il-Qorti tal-Maġistrati meta kien debitament assistit minn avukat difensur;

»*Inoltre*, l-appellat jirribatti li, fi kwalunkwe każ, fir-rigward tal-istqarrija li minnha qed jillanja r-rikorrent appellant, huwa għażel li ma jagħmel l-ebda oġġezzjoni jew xi allegazzjoni fir-rigward ta' tali stqarrija u kien biss issa meta l-każ jinsab *sub judice* fl-istadju tal-appell li bħala aggravju jikkonċerna unikament il-piena u mhux il-ħtija, li l-appellant għoġbu jqajjem din l-allegazzjoni. *Inoltre*, l-appell pendenti quddiem il-qorti kompetenti jikkonċentra fuq il-piena u mhux fuq il-ħtija. Illi bid-dovut rispett, dan juri atteġġjament kontradittorju da parti tal-appellant li fi stadju bikri tal-proċeduri ma opponiex għall-preżentata tal-istess stqarrija fil-proċess kriminali;

»Illi l-appellat jirrileva li l-qrati nostrani kellhom l-opportunità li jeżaminaw din il-kwistjoni tal-allegata leżjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea fl-istadju tar-rilaxx tal-istqarrija. Illi l-appellat jissottometti li bid-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija *v.* Alvin Privitera ġew deċiżi l-linji gwidi fuq il-kwistjoni u *cioè* li l-istqarrija m'għandhiex tiġi sfilzata *a priori* mill-proċess għax b'hekk ikun qed jiġi usurpat id-dritt ta' konsiderazzjoni li jispetta biss lil min ikun qed jiġġudika dwar il-fatti tal-każ. Inoltre, fil-każ fl-ismijiet Il-Pulizija *v.* Paul Abdilla *et* (ref 288/99) deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta'

Novembru 2000, f'ċirkostanzi fejn ir-rikorrenti kienu qed jallegaw, fost affarijiet oħra, li l-istqarrijiet li kienu għamlu ma kinux magħmula volontarjament, il-qorti ipprovdiet li:

> »"Fi kwalunkwe każ, dana l-aggravju jirrażenta l-fieragħ. Il-prosekuzzjoni għamlet il-prova *prima facie* tal-volontarjetà tal-istqarrijiet billi saret prova li kienet ingħatat it-twissija qabel kull waħda minnhom. Kien għalhekk jispetta lill-appellant li jipprova, imqar fuq bażi ta' probabbilità, li l-istqarrija tiegħu ma saritx volontarjament."

»Illi l-appellat isostni li l-aggravji tal-appellant ma jreġux ukoll peress li l-istqarrija ma tistax tittieħed waħedha u barra mill-kuntest tal-proċeduri kollha fit-totalità tagħhom u, sabiex wieħed jasal għall-konklużjoni jekk kienx hemm leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq f'dan il-każ partikolari, hu meħtieġ li jsir apprezzament tal-proċess kriminali tal-appellant fl-interezza tiegħu u mhux unikament f'mument isolat fl-istess proċeduri li jiffoka fuq l-istadju tal-interrogazzjoni. Apparti minn hekk, wieħed irid iqis ukoll iċ-ċirkostanzi tat-teħid tal-istqarrija, sabiex jiġi analizzat kemm il-mankanza ta' avukat waqt l-istqarrija tal-appellant setgħet twassal għall-leżjoni tad-drittijiet tiegħu;

»Illi l-appellat jirrileva li fiċ-ċirkostanzi odjerni kien hemm ukoll provi oħrajn, li jikkorroboraw it-teżi tal-prosekuzzjoni u l-ħtija tas-suspettat; liema provi xehed dwarhom l-Assistent Kummissarju Denis Theuma u l-provi dokumentarji mill-atti tal-proċess kriminali in kwistjoni; ... Għalhekk, mill-provi għandu jirriżulta ċar li r-rikorrent kien involut direttament f'offiżi relatati mad-droga eroina u kokaina u dan anke fuq ammissjoni tiegħu stess quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, meta kien debitament assistit minn avukat difensur; liema ammissjoni saret volontarjament u liberament. Illi minn tali komportament ċertament ma jistax jingħad li d-drittijiet fundamentali tal-appellant Brian Vella b'xi mod ġew leżi;

»Illi fir-rigward tal-lanjanza sabiex din l-onorabbli qorti takkorda rimedji ulterjuri, inkluż li tiġi annullata d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati tal-20 ta' Frar 2015, l-esponent jirribatti li tali rimedju ċertament mhux ġustifikat. *Inoltre*, l-appellat jissottometti li fiċ-ċirksotanzi odjerni l-ewwel onorabbli qorti tat rimedju adegwat b'dikjarazzjoni ta' ksur u għalhekk l-ebda rimedju ieħor m'hu dovut;

»Illi għalhekk fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ odjern għandu jirriżulta lil din l-onorabbli qorti li l-appellat ma ġiex ippreġudikat sal-grad li jista' jikkostitwixxi xi leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu *ai termini* tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

»Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq esposti, fl-umli fehma tal-esponent għandu jirriżulta lil din l-onorabbli Qorti Kostituzzjonali li ċ-ċirkostanzi odjerni bl-ebda mod ma jiksru d-dritt tal-appellant *ai termini* tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u għandu jirriżulta ukoll li fiċ-ċirkostanzi tal-każ l-ewwel onorabbli qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li għarblet iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u għalhekk kienet korretta u ġustifikata meta ikkunsidrat dikjarazzjoni ta' ksur bħala rimedju adegwat.«

16. Dwar l-ewwel aggravju l-qorti tosserva li ma tistax taqbel mal-ewwel qorti meta qalet illi seħħ ksur tal-jedd tal-attur taħt l-art. 6 tal-

Konvenzjoni għar-raġuni biss li ma kellux jedd li jkellem avukat qabel ma tteħditlu stqarrija u li l-ksur kien wieħed biss formali għax ma sarx użu mill-istqarrija waqt il-proċess.

17. Fil-ġurisprudenza kemm tal-Qorti Ewropea kif ukoll tal-qrati Maltin ġie stabbilit il-prinċipju illi meta l-proċeduri kriminali kontra l-akkużat ikunu għadhom mexjin, sakemm ma jintweriex li saret irregolarità hekk drastika li f'kull każ u inevitabilment ixxellef il-jedd għal smigħ xieraq, sejbien ta' ksur f'dan l-istadju għar-raġuni biss illi l-attur ma tħalliex ikellem avukat ikun prematur. Fil-fatt, fil-każ ta' Tyrone Fenech *et v.* Malta[1] dik il-qorti osservat illi:

> »In the present case the criminal proceedings concerning the applicants have not come to an end. Thus, although the constitutional jurisdictions have already decided the matter, the Court considers that it cannot be excluded that, *inter alia*, the applicants be eventually aquitted or that proceedings be discontinued.
>
> »The Court observes that applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see Bouglame *v.* Belgium (dec.), no 16147/08, 2 March 2010).
>
> »The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicants' possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicants are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature.
>
> »Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35 §§ 1 and 4 of the Convention, for non-exhaustion of domestic remedies.«

18. Lanqas ma tista' taqbel mal-ewwel qorti meta tgħid illi ma sarx użu mill-istqarrija. Huwa minnu illi s-sejbien ta' ħtija kien imsejjes fuq l-ammissjoni tal-attur quddiem il-qorti, mela allura kellu l-għajnuna ta'

---

[1] 5 ta' Jannar 2016. Ara wkoll *e.g.* Martin Dimech *v.* Malta, Q.E.D.B. 2 ta' April 2015.

avukat, iżda ma tistax titwarrab għalkollox il-possibilità illi, kif igħid l-attur fir-rikors tal-appell tiegħu, dik l-ammissjoni kienet kondizzjonata bil-fatt li l-attur kien diġà stqarr ħtija meta għamel l-istqarrija lill-pulizija bla ma tħalla jkellem avukat.

19. Huwa minnu illi meta, bħal fil-każ tallum, il-proċeduri kriminali kontra l-attur ikunu għadhom għaddejjin, għandu jitħalla jintemm il-proċess kollu qabel ma jiġi dikjarat ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, biex dik il-dikjarazzjoni ma tkunx prematura[2]. Madankollu, fil-każ tallum, għal-kemm il-proċeduri għadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, l-appell huwa biss mill-piena u għalhekk il-kwistjoni dwar ħtija hija effettivament ġà deċiża.

20. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqbel mal-ewwel qorti li kien hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, mhux għar-raġuni mogħtija mill-ewwel qorti iżda għax l-istqarrija mogħtija mill-attur bla ma tħalla jkellem avukat ma kinitx irrelevanti fis-sejbien ta' ħtija.

21. Għall-istess raġuni l-qorti taqbel ukoll mat-tieni aggravju dwar ksur ukoll tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni, u ma taqbilx ma' dak li qalet l-ewwel qorti meta qalet illi:

> »Kwantu għal allegat ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-ksur tad-drittijiet tar-rikorrent iseħħ mhux bil-fatt li tkun ittieħdet l-istqarrija meta huwa kien għadu mhux "akkużat" iżda bil-fatt li jsur użu minn dik l-istqarrija waqt il-proċess kriminali, meta allura l-attur ikun "akkużat". Illi f'dana l-każ pero, kif ser naraw, ma sarx użu mill-istqarrija billi r-rikorrent ammetta l-akkużi għalhekk ma hemm ebda ksur tal-artikolu 39.«

2 Ara para. 17, *supra*.

22. Kif osservat din il-qorti fil-każ ta' Malcolm Said *v.* Avukat Ġenerali *et*[3], għalkemm huwa minnu illi l-art. 39 iħares il-jeddijiet ta' min huwa "akkużat", u l-attur ma kienx akkużat meta tteħditlu l-istqarrija, dan ma jfissirx iżda illi dak li jkun sar qabel ma l-attur ikun akkużat ma jistax jolqot, bi preġudizzju għalih, dak li jiġri wara li jiġi akkużat, b'mod li, minħabba dak li jkun sar qabel, ma jkunx jista' jingħata smigħ xieraq. Li jfisser hu illi l-ksur – jekk it-teħid tal-istqarrija jkun sar bi ksur tad-drittijiet tal-attur – iseħħ mhux bil-fatt li tkun ittieħdet l-istqarrija (meta l-attur kien għadu mhux "akkużat") iżda bil-fatt li jsir użu minn dik l-istqarrija waqt il-proċess kriminali, meta allura l-attur ikun "akkużat". Ġà rajna illi, għalkemm formalment is-sejbien ta' ħtija ma kienx imsejjes fuq l-istqarrija iżda fuq ammisjoni quddiem il-qorti, madankollu ma jistax jingħad illi l-istqarrija ma kellhiex relevanza fil-proċess[4].

23. Għalhekk it-tieni aggravju wkoll għandu jintlaqa'.

24. It-tielet aggravju tal-attur jolqot ir-rimedju. Dan l-aggravju wkoll jistħoqq li jintlaqa', għax jekk is-sejbien ta' ħtija huwa kontaminat, imqar jekk indirettament, bl-istqarrija meħuda bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, dak is-sejbien ta' ħtija ma għandux jibqa' fis-seħħ.

25. Peress illi l-appell tal-attur quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali huwa biss mill-piena, ir-rimedju li aktar huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi hu illi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati titħassar u l-proċess kollu jibda mill-ġdid wara li titneħħa mill-inkartament l-istqarrija tal-attur u kull refer-

3 Kost. 24 ta' Ġunju 2016.

4 Para 19, *supra.*

enza għaliha. Jekk huwa minn dak li jgħid il-konvenut illi hemm provi oħra tal-ħtija tal-attur, indipendenti mill-istqarrija, għax inqabad *in flagrante*, dan ma huwiex ta' ostakolu għat-tħassir tas-sentenza; anzi, huwa fl-interess tal-ġustizzja li jsir hekk biex is-sejbien ta' ħtija jew nuqqas ta' ħtija tal-attur ikun imsejjes fuq provi li b'ebda mod ma jkunu mtebbgħin bl-illegalità tat-teħid tal-istqarrija u ta' ammissjoni li possibilment setgħet kienet kondizzjonata b'dik l-istqarrija.

26. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tipprovdi dwar l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata: tikkonfermaha fejn sabet ksur tal-art. 6 tal-Konvenzjoni, għalkemm għal raġunijiet differenti, u tħassarha fil-bqija. Tgħid illi kien hemm ksur ukoll tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni u, bħala rimedju, tordna li titħassar is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-20 ta' Frar 2015 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma) *v.* Brian Vella, u li l-proċess kriminali kontra l-attur jinbeda mill-ġdid quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, presjeduta minn maġistrat ieħor, wara li titneħħa mill-inkartament l-istqarrija tal-attur u kull referenza għaliha.

27. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallashom il-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm